MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2900/2002

**Avviz Numru 2900/02 AJD
Forestals (Appliances) Limited**

**vs**

**Emanuela Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Dicembru, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tnax il-lira Maltin (Lm112.00) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuta.
Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Tanya Sammut,, in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ mija u tnax il-lira Maltin (Lm112.00), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------